MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2014

Rikors Numru. 146/2014

**Il-Koordinatur Nazzjonali tal-Agenzija Programmi tal-Unjoni Ewropea**

**Vs**

**Steven Attard (ID 599282M)**.

Permezz ta' rikors prezentat fis-17 ta' Frar 2014 Steven Attard talab lill-qorti sabiex tiddikjara t-talba tal-intimat bhala nfondata, u dani *ai termini* tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 peress li:

i. In-notifika tal-ittra ufficjali tal-31 ta' Jannar 2014 hi nulla.
ii. Il-procedura tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 ma tapplikax ghall-kaz in ezami.
iii. Ma kien hemm l-ebda ksur tal-ftehim bejn ir-rikorrent u l-intimat peress li huwa ezegwixxa l-obbligi skond il-ftehim.

Fil-11 ta' Marzu 2014 l-intimat wiegeb li:

i. Ir-Regolament 1393/2007 tat-13.11.2007 jipprovdi ghal diversi metodi ta' trasmissjoni u notifika ta' atti gudizzjarji, u dawn huma a) b'mezz konsulari jew diplomatici; b'agenti diplomatici jew konsulari; notifika bil-posta u notifika diretta.
ii. Il-kaz in ezami jaqa' taht il-procedura kontemplata fl-Artikolu 466 tal-Kap. 12 peress li f'dan il-kaz inghata servizz ta' ghajnuna finanzjajra mill-Unjoni Ewropea permezz tal-EUPA li hi agenzija fi hdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni u liema servizz kien regolat minn ftehim bejn il-Europe Experience Malta u l-Agenzija, mahrug taht il-Programm Youth in Action fi hdan it-Taqsima tal-Programmi tal-Unjoni Ewropea.
iii. Ir-rifuzjoni tal-flus intalbet ghaliex ir-rikorrent qatt ma pprezenta rapport finali kif obbligat li jaghmel sabiex jaderixxi mal-ftehim. Ir-rikorrent inghata ferm iktar zmien minn dak stipulat fil-kuntratt sabiex jipprezenta r-rapport. Ir-rapport kellu jigi pprezenta fi zmien xaharejn wara l-1 ta' Marzu 2008. Madankollu l-intimat tah sat-3 ta' Dicembru 2010. Madankollu r-rikorrent baqa' inadempjenti u ghalhekk giet intavolata din il-procedura.

Permezz ta' ittra ufficjali prezentata fil-31 ta' Jannar 2014 (fol. 31), ir-rikorrent gie nterpellat ihallas is-somma ta' €18,526.17 *"…. Dovuta minnek stante li inti minkejja li l-Agenzija tatek bizzejjed zmien sabiex ittejjeb s-sitwazzjoni tieghek, ma aderixxejtx mat-termini tal-Ftehim mahrug taht il-Programm Youth in Action fi hdan it-Taqsima tal-Programmi tal-Unjoni Ewropea, bejn il-Europe Experience Malta u l-Agenzija mittenti, liema ftehim kien gie ffirmat nhar is-6 ta' Marzu 2008 u b'hekk inti ghan-nom ta' Europe Experience Malta ta' 38, Triq C. Troisi Swieqi, intrabatt b'mod ufficjali mal-klawsoli kollha mnizzla fil-ftehim".* Fl-att gudizzjarju saret riferenza ghall-Artikolu 466 tal-Kap.12 u mehmuz mieghu hemm affidavit tal-Kap tal-EUPA.

**<u>L-ewwel ilment</u>**.

Skond ma nghad fir-rikors promotur jidher li l-att gudizzjarju gie notifikat fil-post tax-xoghol tar-rikorrent. Il-qorti tqies dan l-ilment bhala frivolu. Gialadarba r-rikorrent ircieva l-att gudizzjarju, irrispettivament fejn ircevieh, m'ghandux ikun li jilmenta li kellu jircevieh f'post iehor. Dan apparti li r-rikorrent m'ghamel l-ebda prova ta' x'inhi l-ligi Ingliza dwar notifiki ta' atti gudizzjarji gewwa l-Ingilterra. Id-dokument B a fol. 13 m'huwiex prova valida. Prova ta' ligi ma ssirx billi jigi pprezentat dokument li jitnizzel minn website.

L-ilment seta' kien ikun rilevanti kieku per ezempju r-rikorrent ma nghatax l-att gudizzjarju.

**It-tieni ilment**.

Skond l-Artikolu 466 tal-Kap. 12:

*"1) Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rappreżentanza legali ta' korp magħqud stabbilit bil-liġi jew b'rappreżentanza legali ta' xi kumpannija jew korp ieħor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taħt kull liġi, sabiex jiġbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, ikun irid jaġixxi sabiex jinġabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil xi uffiċċju amministrattiv tiegħu jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi,* ***dwar kull servizz, provvista, penali, kera, ċens, piżijiet oħra fuq beni, kumpens għall-okkupazzjoni u jew għal dritt ta' xi liċenza jew dritt jew taxxa oħra dovuti****, huwa jista' jagħmel dikjarazzjoni tiegħu maħlufa quddiem ir-reġistratur, imħallef jew maġistrat li fiha huwa għandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut…..".*

Mill-atti jirrizulta li:

i. L-Agenzija Programmi Unjoni Ewropea hi stabbilita b'ligi (ara **European Union Programmes Agency Regulations** – Avviz Legali 128 tal-2007 Ligi Sussidjarja 327.316).
ii. Din l-Agenzija tiehu hsieb progetti f'Malta li jigu ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea. Wiehed minn dawn il-progetti kien tar-rikorrent (Europe Experience Malta ) li sar taht il-Youth in Action Programme. B'dan il-progett kellhom jigu zghazagh barranin f'Malta. L-isem tal-progett kien: *"myEurope Otudoors, Equal Rights, Respect, Representation and Recognition".*
iii. Il-kontendenti ffirmaw il-ftehim fis-6 ta' Marzu 2008, cjoe' wara li fis-27 ta' Dicembru 2007 wasslu l-barranin f'Malta ghall-progett.
iv. Skond ir-rikorrent fl-1 ta' Gunju 2008 kien ircieva s-somma ta' €18,000 u s-somma approvata li kellu jircievi kienet ta' €31,000.

v. Il-kwistjoni li nqalghet hi li r-rikorrent naqas milli jipprezenta r-rapport finali bil-mod li kein jitlob il-kuntratt. B'ittra datata 19 ta' Ottubru 2010 l-Agenzija nfurmat lir-rikorrent li kienet ghadha ma rcevitx ir-rapport final. Fiha jinghad li kien qieghed jinghata sal-25 ta' Ottubru 2010 sabiex jipprezenta r-rapport finali. Imbaghad b'email datata 28 ta' Ottubru 2010 ir-rikorrent gie nfurmat li: *".... Failure to fulfil your obligations under Article 1.5 – Submit the final Report and other documents and Article II – Termination of the Agreement, results in the total recovery of the advance payment for this project".* Sussegwentement b'ittra tas-26 ta' Ottubru 2010 inghata sal-10 ta' Novembru 2010 sabiex jipprezenta r-rapport, filwaqt li b'email datata 11 ta' Novembru 2010 inghata sas-17 ta' Novembru 2010.

vi. Skond klawzola II.11.14 tal-kuntratt:

*"By way of exception, at the end of the period of notice referred to in paragraph 3, where the NA is terminating the agreement on the grounds that the beneficiary has failed to produce the final technical implementation report and financial statement within the deadline stipulated in Article 1.5, and the beneficiary has still not complied with this obligation within two months following the written reminder sent by the NA by registered letter with advice of delivery or equivalent, the NA shall not reimburse the expenditure incurred by the beneficiary up to the date on which the action ended and it* ***shall recover any amount if its use is not substantiated by the technical implementation reports and financial statements approved by the NA"*** (fol. 75).

Irrizulta kif is-somma ta' €18,526.17 li qeghda tintalab minghand ir-rikorrent hi proprju s-somma li kienet thallset mill-Agenzija lir-rikorrent.

Il-qorti ma taqbilx mal-intimat li l-ammont pretiz jikkwalifika bhala hlas ghal servizz. Il-hlas li jippretendi l-intimat hu rifuzjoni tal-flus li thallsu lir-rikorrent, u dan peress li qieghed jinghad li kiser l-obbligu kuntrattwali tieghu li jipprezenta r-rapport finali. Fil-fehma tal-qorti l-interpretazzjoni li l-intimat jaghti l-intimat lill-Artikolu 466 tal-Kodici hu wiesgha wisq; *"jingabar lura dejn dovut .... dwar kull servizz"* qieghed jirreferi ghall-hlas talli persuna tkun inghatat servizz. F'dan ir-rigward is-somma ta' €18,526.17 m'hijiex hlas ghal servizz, izda hlas lura ta' flus li l-Agenzija Nazzjonali tat lir-rikorrent ghar-raguni li qeghda tghid li ma onorax l-obbligi kuntrattwali. L-intimat, fit-tentattiv biex isahhah l-argument tieghu, ghamel riferenza ghal dik il-parti tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 fejn jinghad: *"sabiex jigbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp maghqud stabbilit bil-ligi".* Il-qorti tosserva li:

(a) L-Artikolu 466 ma japplikax ghal kull kreditu li jista' jkun dovut lill-Gvern jew korp kostitwit b'ligi. Kieku dik kienet l-intenzjoni tal-legislatur ma kienx ikun hemm skop ghalfejn jissemmew il-kazijiet fejn dik il-procedura tista' tigi addottata. Il-lista ta' kazjiet fejn tista' tigi addottata l-procedura taht l-Artikolu 466 hi ezawrjenti.

(b) Il-kliem *".. sabiex jigbor kull ammont dovut"* gew inseriti fil-provvediment fir-rigward ta' korp li b'ligi jkun awtorizzat li jigbor dejn favur il-gvern jew korp kostitwit b'ligi. B'daqshekk ma jfissirx li l-Artikolu 466 japplika ghal kull tip ta' kreditu li jista' jippretendi li ghandu l-gvern jew korp imwaqqaf b'ligi. Ifisser biss li korp awtorizzat jirkupra dejn favur il-gvern jew korp imwaqqaf b'ligi, ikun jista' fil-kazijiet kontemplati fl-Artikolu 466 tal-Kap. 12 jaddotta dak il-provvediment biex jirkupra l-hlas dovut.

Fic-cirkostanzi m'hemmx ghalfejn jigi mistharreg it-tielet ilment tar-rikorrent.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tilqa' t-tieni ilment tar-rikorrent u ghalhekk tiddikjara li t-talba maghmula bl-ittra ufficjali tal-31 ta' Jannar 2014 ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12, hi nfondata. Ovvjament dan ma jfissirx li l-intimat ma jkunx jista' jharrek lir-rikorrent sabiex jigi kkundannat ihallas l-ammont pretiz. Spejjez a karigu tal-intimat**.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------